MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 212/1999/1

Stephen Bigeni .

vs

Carmelo Azzopardi .

Il-Qorti ,

PRELIMINARI

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta illi :

Illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofs inhar (3.45p.m), l-attur Stephen Bigeni kien involut f'incident tat-traffiku fi Triq San Blas, Nadur, meta waqt li kien qieghed isuq il-mutur tieghu Kawasaki 250 bin-numru ta' registrazzjoni FBA-826 dan kien involut f'habta ma' Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni KAT-

303 misjuqa mill-konvenut – **rapport tal-Pulizija u skizz markati A ;**

Illi ghal dan l-incident stradali jahti unikament u esklussivament il-konvenut Carmelo Azzopardi, minhabba sewqan imprudenti u traskurat, u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ;

Illi konsegwenza ta' dan l-incident tat-traffiku l-attur sofra danni kemm materjali fil-mutur kif ukoll garrabh griehi ta' natura gravi li hallew debilita' permanenti f'siequ tal-lemin - **ara certifikat mediku markat B ;**

Illi konsegwenza ta' dawn il-griehi ta' natura permanenti l-attur sa tilef l-impieg tieghu minn mas-socjeta' F.X. Borg Furniture Limited, li maghha kien impjegat u temmitlu l-impieg tieghu fit-8 ta' April 1999 – **ara certifikat tat-temm ta' l-impieg markat C ;**
Illi l-attur irid li jigi kkumpensat ta' dawn id-danni konsistenti kemm f'danni emergenti u f'lukri cessanti u minkejja li l-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni, huwa baqa' inadempjenti.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lilek Carmelo Azzopardi unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali fuq imsemmi ;
2. Tillikwida d-danni kollha li gew sofferti mill-attur u tiddikjara liema danni jikkonsistu f'danni emergenti u liema jikkonsistu f'lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;
3. Tikkundannak thallas lill-attur dawn id-danni hekk likwidati .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru, 1998, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa jinsab imharrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi ghall-incident de quo huwa unikament responsabbli l-attur u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza .
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni pretizi mill-attur huma esagerati ;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu 2001 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Joseph Attard bhala espert mediku sabiex jirrelata dwar il-kaz in kwistjoni.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku pprezentata fis-27 ta' Awissu 2001 u mahlufa fit-3 ta' Frar 2003 .

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .
Ikkunsidrat :

FATTI

Illi din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li fih safa' mwegga' l-attur . Dwar kif sehh dan l-incident irrizulta mill-provi prodotti illi dakinhar ta' l-incident ghall-habta ta' l-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar (3.45 p.m.) waqt li l-attur kien qed isuq il-mutur tieghu fi Triq San Blas, in-Nadur, sejjer fid-direzzjoni ta' Triq it-Tigrija, il-konvenut kien gej isuq il-karozza tieghu fl-istess triq mid-direzzjoni opposta u ried jaqsam it-triq biex jidhol fi Triq Dahlet Qorrot . Il-konvenut kien qed isuq wara vettura ohra, *pick-up truck*, misjuq minn certu Benny Portelli, li ried jibqa' jipprocedi fi Triq San Blas . Il-kollizzjoni sehhet hekk kif il-konvenut qala' minn wara t-truck u gibed lejn il-lemin tieghu sabiex jidhol fi Triq Dahlet Qorrot .

Il-konvenut *a tempo vergine* hekk spjega l-incident *de quo* lis-surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz :

"*Kont niezel lejn Dahlet Qorrot wara t-truck li kien quddiemi li kien sejjer lejn San Blas … Il-mutur kien gej minn San Blas, indikajt lejn il-lemin u ksirt u sibt lil tal-mutur go wicci . Tal-mutur kien tiela jsuq*."[1]

L-attur da parti tieghu ta din il-versjoni :

"*Kont tiela' lejn Triq it-Tigrija; kif hrigt fl-intersection titfacca l-Escort minn wara t-truck, liema truck baqa' sejjer lejn San Blas . Jien hbatt mal-karozza li giet go fija . Kont insuq normali erbghin (40) kilometru fis-siegha . Brakes ma messejthomx."*[2]

Waqt is-smiegh tal-provi, l-attur zamm din il-versjoni tieghu,[3] filwaqt illi l-konvenut baqa' ma xehedx . Pero' mix-xhieda mismugha quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jirrizulta illi l-attur spjega illi meta ra l-imputat gej direttament fid-direzzjoni tieghu ma ghafasx il-brake ghax infixel . Da parti tieghu il-konvenut f'dawk l-istess proceduri fisser il-manuvra tieghu bil-mod segwenti :

"*Kont gej min-Nadur ghal Dahlet Qorrot . Imbaghad jiena xghelt l-indicator u kien hemm truck pick-up quddiemi … Imbagahd jiena x'hin kiser il-kantuniera kont boghod daqs hamsa u erbghin pied mit-truck u t-truck kif kiser il-kantuniera jiena ghedt karozza ma tghaddix u jiena kelli l-indicators mixghulin u qsamt u nara lehha Bigeni gej isuq u norbot brake f'nofs it-triq u baqa' diehel go fija u xehitni s-side l-iehor mal-lemin*."[4]

Benny Portelli li kien qed isuq it-truck imsemmi mill-kontendenti, fisser kif hu u l-konvenut kienu ghaddejjin wara xulxin fi Triq San Blas . Appena huwa kiser fil-liwja

---

[1] Ara depozizzjoni surgent M.Cassar tas-26.7.2000 a fol. 32 tal-process u okkorrenza relattiva ghal dan l-incident Dok. A a fol.6 .
[2] ibid .
[3] ara affidavit ta' l-attur tat-8.8. 2000 a fol. 3 .4
[4] ara sentenza relattiva a fol. 67 .

biex ikompli fi triqtu fl-istess triq, tfacca l-attur isuq mutur mid-direzzjoni opposta b'velocita' ta' madwar 30/35 k.f.s.. Immedjatament il-konvenut qala' minn warajh u gibed lejn il-lemin fid-direzzjoni ta' Triq Dahlet Qorrot u saret il-habta.[5]

Mill-iskizz redatt mis-surgent Mario Cassar,[6] jirrizulta illi :

i. l-incident sehh fi Triq San Blas, in-Nadur quddiem Y-junction li tifred l-istess triq f'zewg frieghi, wahda li tiehu fid-direzzjoni tal-bajja ta' San Blas u l-ohra ghal dik ta' Dahlet Qorrot . It-triq tidher li hija wiesa bizzejjed biex tippermetti zewg vetturi jghaddu liberament f'direzzjonijiet opposti ;

ii. il-vettura misjuqa mill-konvenut tidher imxaqilba fuq il-karreggjata tat-triq ta' min ikun gej mid-direzzjoni opposta; tidher ukoll illi ghandha daqqa frontali ;

iii. il-mutur ta' l-attur jidher maqlub fl-art quddiem il-gemb tax-xellug tal-karozza tal-konvenut ;

iv. li *spot of impact* (indikata taht il-kantuniera tax-xellug tan-naha ta' wara tal-karozza) tidher faccata ta' fejn hemm sqaq immarkat fuq in-naha tax-xellug tat-triq ghal min ikun sejjer fid-direzzjoni ta' San Blas ;

v. il-vettura tal-konvenut halliet *brake mark* ta' 5.8 metri mir-roti tal-lemin, mentri kien hemm *brake mark* ta' metru biss mir-roti l-ohra .

RESPONSABILITA'

Minn ezami ta' dawn il-fatturi kollha wiehed jista' jasal halli jaghmel il-konkluzjonijiet mehtiega sabiex tinstab il-htija ghal din il-kollizzjoni .

Ma jidher illi hemm xejn x'wiehed jista' jiccensura fl-agir ta' l-attur . Huwa kien ghaddej fuq in-naha tieghu tat-triq,

---

[5] ara depozizzjoni Benny Portelli tal-5.7.2000 a fol. 21 - 27 .
[6] A fol. 8 tal-process .

meta sab f'daqqa wahda ma' wiccu l-vettura tal-konvenut . Ma rrizultax illi l-attur kien ghaddej b'xi velocita' aktar minn dik konsentita fl-inhawi . Ma tantx kien hemm x'seta' jaghmel biex jevita l-habta . Il-fatt li lanqas ghafas il-brake ghax infixel, hija wkoll reazzjoni verosimili fic-cirkostanzi . Minn naha l-ohra l-karozza tal-konvenut kienet hierga minn wara vettura ohra li kien hemm quddiemha . Ovvjament din lill-konvenut kienet qed tostakolalu l-vista u ma setghax jara 'l min ikun gej mid-direzzjoni opposta . Il-konvenut jammetti illi huwa ttenta jaghmel din il-manuvra tieghu ghax ippretenda illi gialadarba karozza ohra ma kienitx tghaddi f'dik il-kantuniera, minhabba t-truck ta' Benny Portelli, huwa seta' liberament jazzarda jaqla' minn wara t-truck u jikser lejn il-lemin .

Kif ikkonferma s-surgent Cassar, Triq San Blas hija t-triq principali f'relazzjoni ma' Triq Dahlet Qorrot u ghalhekk "**jekk ma jkunx muri xort'ohra, it-traffiku fit-triq principali ghandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun diehel, jew li jkun se jhalli t-triq principali**."[7] Imma l-konvenut li ried jaqsam biex jidhol fi Triq Dahlet Qorrot ma jidhirx illi ghamel il-manuvra tieghu bl-attenzjoni kollha li jirrikjedu r-regolamenti tat-traffiku fic-cirkostanzi . Ghalkemm fix-xhieda tieghu il-konvenut jghid illi xeghel l-indicator*, "dana m'huwiex xi brevett ta' immunita' . Imma kellu jassikura ruhu li l-messagg jasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq u li fehmu l-messagg tieghu*."[8] Minn fejn kien gej l-attur, zgur li ma setghax jara l-*indicator* tal-vettura tal-konvenut, aktar u aktar minhabba li dan kien ukoll mohbi wara t-truck ta' Benny Portelli . Il-konvenut ghalhekk bil-manuvra perikoluza tieghu holoq emergenza subitanea lill-attur, billi mblokkalu l-karreggjata tieghu meta hareg f'salt minn wara t-truck ta' Portelli u ssorprenda lill-attur . Il-konvenut minghajr ma esplora tajjeb it-triq, qabad u qasam il-karreggjata li minnha kien ghaddej l-attur fuq il-mutur tieghu, qabel ma accerta ruhu li seta' jaghmel dan bla ma jkun ta' xkiel ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, u dan bi ksur manifest tar-regolamenti tat-traffiku .

---

[7] Highway Code reg. 212 (Sept. 2001 ed. )

[8] sentenza ta' din il-Qorti tal-4.11.1997 : Emanuel Galea et vs Paul Galea .

Jirrizulta ghalhekk illi r-responsabilita' ghal dan l-incident stradali hija unikament tal-konvenut, li naqas li jzomm *a proper look out* u jiehu l-prekawzjonijiet kollha konsiljabbli fic-cirkostanzi qabel ma ttenta jikser biex jidhol fi Triq Dahlet Qorrot, billi din kienet timplika li ried jinvadi l-karreggjata ta' min seta' kien gej mid-direzzjoni opposta .

DANNI

Fil-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodici Civili . Madankollu kif gie osservat mill-Qrati taghna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, ghax kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz . Is-somma tad-danni hi rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi[9] . Fl-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni taghha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, ghandha thares lejn ic-cirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuza bhala *tests* biex tikkontrolla c-cifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suggerit mill-gurisprudenza estera f'dan ir-rigward, minghajr ma tivvinkola ruhha b'xi wiehed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm certa elasticita' ta' kriterju adattabbli ghall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie[10] .

Skond il-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewg aspetti : id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*) .

A. **Damnum emergens :**

**(a) Spejjez ta' tobba :** jirrizulta li l-attur nefaq mija u ghaxar liri (Lm110) f'konsultazzjonijiet medici.[11] Dawn huma gustifikati u ghalhekk ripettibli ; jghid ukoll illi ghamel spejjez ohra f'medicinali u fisjoterapija, imma dwar dan ma esebixxa ebda ircevuti ;

---

[9] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .
[10] Carmelo Fenech vs Antonio Galea ; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech ; vol. XLII. II. 1019 .
[11] ara dok. H a fol. 42 .

(b) **Hsara fil-*motor cycle*** li kien qed isuq dak il-hin ta' l-incident : Irrizulta illi l-mutur ta' l-attur kellu hsarat estensivi[12] . Gew esebiti kopji ta' ircevuti ammontanti ghas-somma ta' disa' mija hamsa u disghin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm995.56**c)**[13] **.** Dawn il-kontijiet ma gew bl-ebda mod kontestati u jidhru gustifikati fic-cirkostanzi . **Spejjez ohra :** kien hemm ukoll tliet liri maltin (Lm3) spejjez ta' l-okkorrenza relattiva ghall-incident ;[14] dawn ukoll huma ripetibbli . B'kollox jigi ghalhekk li bhala danni attwali ghandhom jithallsu : Lm1108.56. .

B. **Lucrum Cessan**s : Dwar il-metodu kif jigi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati taghna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost recentement mill-Qorti ta' l-Appell : "*Jinghad illi l-Qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinuzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom ….. Diversi drabi l-Qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza 'Butler v. Heard'.* [15]
Imma kif gie enfasizzat f'sentenza ohra ta' dik il-Qorti, ccitata favorevolment fis-sentenza taghha f'dik il-kawza :

*"Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm-il darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilita' . Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni . Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[16]

Ghal numru ta' snin il-Qrati taghna fil-maggior parti tal-kazi segwew rigorozament il-metodu stabilit ghall-ewwel

---

[12] ara okkorrenza tas-surgent Cassar a fol. 6 .
[13] Dokti. E u F a fol. 39, 40 .
[14] Dok. A a fol. 15 .
[15] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .
[16] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994 .

darba fil-kawza “**Butler vs Heard**” . Din il-kawza taghat origini ghal dak li jissejjah il-***multiplier system*** li fiha l-percentwali tad-debilita’ u l-qliegh annwali tal-korrut jigu moltiplikati bis-snin tal-hajja lavorattiva bazata fuq il-*life expectancy* tieghu mizjud b’percentwali biex taghmel tajjeb ghall-inflazzjoni u zidiet fil-pagi, u b’riduzzjoni ta’ certu ammont minhabba l-*lump sum payment* . F’dawn l-ahhar snin pero’ dan il-metodu ta’ kalkolazzjoni gie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jiehu konsiderazzjoni ahjar tac-cirkostanzi taz-zmenijiet attwali[17] .

Fil-kaz in ezami nsibu illi l-attur garrab debilita’ permanenti ta’ tlettax fil-mija (13*%)*[18] *.* Ir-rapport ta' l-espert mediku ma giex kontestat mill-konvenut u l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m’ghandhiex tadottah .

Meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza l-attur kien impjegat mad-ditta F.X. Borg Company Limited bhala *factory operator* . Wara l-incident u meta spiccalu l-*entitlement* ghas-sick leave gie terminat l-impieg tieghu f'dik il-fabbrika peress illi ma kienx ghadu adattat ghat-tip ta' xoghol li kellu, li kien jinvolvi hafna waqfien . Fl-ahhar sena shiha li hadem ma' dik id-ditta u cioe' s-sena 1997 dahhal f'paga tliet elef disa' mija tmienja u sittin lira maltija (Lm3968)[19] . M'hemm l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tittiehed din is-somma bhala bazi sabiex fuqha jinhadem dak dovut lill-attur f'dan ir-rigward .

Fil-kawzi li segwew Butler vs Heard b’mod rigoruz, il-hajja lavorattiva ma kienitx tigi kkalkolata a bazi tas-snin kollha li kien ghad baqghalha tahdem il-vittma, kieku ma sehhx l-incident, imma normalment kienet tittehed hajja lavorattiva ta’ ghoxrin (20) jew hamsa u ghoxrin (25) sena . Illum il-gurnata pero’ meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi hafna pajjizi qed itawwlu wkoll l-eta’ tal-pensjoni, ma baqa’ ebda raguni ghaliex il-hajja

---

[17] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard : sentenza ta’ din il-Qorti tat-13.5.2003 .
[18] ara relazzjoni ta’ l-espert mediku Mr. Joseph Attard a fol. 82 – 83 tal-process .
[19] ara affidavit ta' l-attur ta' l-20.9.2001 a fol . 88 - 89 ; kif ukoll il-formula FS3 ghas-sena 1997 a fol. 90 .

lavorattiva ma tigix kalkolata kollha[20] . Meta sehh dan l-incident l-attur kellu 22 sena u ghalhekk kien ghad baqaghlu hajja lavorattiva ta' 39 sena . Skond il-gurisprudenza kostanti, minhabba l-*lump sum payment*, (u hawn mhux il-kaz li l-attur ilu jistenna hafna snin biex tinqata' s-sentenza), ghandu jitnaqqas kwint (1/5) . Peress illi l-kalkoli qed jinhadmu fuq paga ta' 7 snin ilu, irid jinghata kumpens xieraq ukoll biex jaghmel tajjeb ghar-rata ta' inflazzjoni . Normalment din tkun ta' ghoxrin fil-mija (20%) .

Ghalhekk l-ammont dovut irid jinhadem hekk : Lm3968 (paga bazi) x 39 (snin ta' hajja lavorattiva) x 80% (minhabba l-*lump sum payment*) x 13% (debilita' permanenti) x 120% ( ghaz-zieda fl-inflazzjoni) = Lm19313 .

L-attur jghid fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu illi jippretendi wkoll kumpens ghaz-zmien li ghamel bla xoghol fiss wara l-incident, u ta' dan jippretendi madwar tmien elef lira maltija (Lm8000) ohra [21] . Il-Qorti pero' ma taqbel xejn ma' din il-pretensjoni, ghax kemm il-darba taccettaha tkun qed tikkumpensa lill-attur doppjament, gialadarba l-kumpens gia likwidat hawn fuq gie kkalkolat b'effett minn meta huwa attwalment sofra d-debilita' permanenti li ghandu .

RI – EPILOGU .

Ghaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-attur in linea ta' danni kkagunati lilu per konsegwenza tal-kollizzjoni mertu ta' din il-kawza, huma s-segwenti :

1. Damnum emergens : Lm 1108 ;
2. Lucrum Cessans : Lm19313 .

Total ta' : Lm20421, ghoxrin elf erba' mija wiehed u ghoxrin lira maltija .

---

[20] Agius vs. Galea et noe. : Kummerc : 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc : 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg : Prim’Awla : 8.5.1990 .

[21] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attur tas-7.10.03 .

Billi l-konvenut gie misjub unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza, d-danni hekk likwidati jridu jithallsu kollha minnu biss .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza ;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' ghoxrin elf erba' mija wiehed u ghoxrin lira maltija (Lm20421) ; u
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat lill-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra uficcjali tat-3 ta' Dicembru 1998 kontra l-istess konvenut .
S21299

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------